# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**KIF TFAĦĦAR IL-ĠIEĦ TA' ĠENSEK**
**JEKK TIĊĦAD ILSIEN ARTEK?**

**It-Tielet Sena** **Mejju 1933** **No. 27**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MEJJU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 27

# ATUNA KOTBA IŻJED BIL-MALTI

*Atuna kotba iżjed bil-Malti;* din hi l-għajta li toħroġ qawwija mill-qalb ta' mijiet u ta' eluf ta' żgħażagħ u ta' nies tax-xogħol minn kull rokna tal-gżira tagħna. U mhix għajta fiergħa; mhix għajta li tmut maż-żiffa tar-riħ għaddejja; hi l-għajta tal-qalb, tal-moħħ, tar-ruħ tal-bniedem li, miġbud sa mill-ħolqien tiegħu lejn is-sewwa, lejn it-tajjeb, lejn is-sabiħ, ifittex fil-kotba l-kelma tas-sewwa, it-tagħlim it-tajjeb, il-ġmiel tal-kitba li huma l-ikel, il-għajxien, il-ħajja tar-ruħ. U din il-ġibda, li ma tmut qatt, iħossha kullħadd, u għalhekk il-qari tal-kotba, bħala tiftix tas-sewwa, hu ħtieġa tar-ruħ li jħossha kull wieħed minna.

U jħossuha ġewwa fihom din il-ġibda u din il-ħtieġa dawk il-Maltin li jaqraw u jitolbu dejjem kotba bil-Malti għax ma jafux għajr ilsienhom. Xhieda hi l-kotra ta' kotba ta' kull daqs u għamla li ta' kulljum joħorġu u jiġru bil-ħeffa minn id għal id-Xhieda aktar qawwija, li turina bir-reqqa x'leblieba hawn għall-qari Malti, jatuhielna l-libreriji li twaqqfu f'ħafna skejjel tal-gvern mis-sena 1922 'l hawn *(District Circulating Libraries).* Dawn il-libreriji huma mgħammrin b'kotba bl-ingliż u bit-taljan, u bil-malti wkoll—l-aħjar kotba li jiswew għall-ġid u għat-tagħlim tat-tfal tal-iskejjel u tan-nies tax-xogħol—, u kull sena joħroġ rapport li juri l-ħedma ta' kull librerija ma' tul dik is-sena, jiġifieri kemm kotba ħarġu u liema kotba ħarġu, u ħwejjeġ oħra.

Mill-aħħar rapport li ħareġ fil-Gazetta tal-Gvern 16 Diċ.1932 sirna nafu li fis-sena 1931-1932 mill-libreriji tal-iskejjel ta' Bormla, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, Ħal-Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, il-Musta, ir-Rabat, Raħal Ġdid, Ħal-Luqa, u Ħal-Balzan

ħarġu 41515 ktieb, u minnhom 14755 bil-Malti, imqassmin hekk:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bormla: | 4514, | minnhom | 699 | bil-Malti. |
| Iż-Żejtun: | 4806, | ,, | 1675 | ,, |
| Iż-Żurrieq: | 2390, | ,, | 965 | ,, |
| Is-Siġġiewi: | 1902, | ,, | 1006 | ,, |
| Ħal-Qormi: | 2631, | ,, | 1147 | ,, |
| Ħaż-Żebbuġ: | 3011, | ,, | 1460 | ,, |
| Birkirkara: | 5324, | ,, | 1371 | ,, |
| Il-Musta: | 3123, | ,, | 1201 | ,, |
| Ir-Rabat: | 2149, | ,, | 826 | ,, |
| Raħal Ġdid: | 2489, | ,, | 571 | ,, |
| Ħal-Luqa: | 1729, | ,, | 521 | ,, |
| Ħal-Balzan: | 3404, | ,, | 997 | ,, |

Mela nistgħu ngħidu bejn wieħed u ieħor li minn kull tliet kotba, li ħarġu minn dawn il-libreriji fis-sena 1931-1932, wieħed kien bil-Malti. Hix l-isbaħ xhieda din tal-ħeġġa li hawn għall-qari Malti? Iżda biex nifhmu aħjar xi tfisser din ix-xhieda, jaħtieġ ingħidu wkoll li l-kotba bil-Malti huma anqas mill-kotba l-oħra, u li ħafna qarrejja mhumiex ħlief jitolbu kotba aktar bil-Malti. Mela li kieku kellhom kotba iżjed, il-wieħed f'kull tlieta jsir wieħed f'kull tnejn, jiġifieri nofs il-kotba li jinqraw minn dawn il-libreriji jkunu kotba bil-Malti.

Iżda minn ġo qalb il-qarrejja tal-Malti toħroġ il-għajta: "Irridu kotba iżjed. Qrajna, tgħallimna, thennejna, imma ma xbajniex. Il-kotba b'ilsna barranin huma magħluqin għalina. Atuna kotba iżjed bil-Malti, biex fihom ruħna ssib il-mistrieħ tagħha."

Smajnieha t-talba lħiħa ta' ħutna, u ġewwa fina nħossu aktar jikbes u jħeġġeġ in-nar tal-imħabba li għaqqditna flimkien biex bil-kitba t-tajba ngħollu lsienna u ngħallmu 'l niesna.

# GĦAJNEJN L-INSETTI *

L-animali kollha għandhom xi għamla ta' sens speċjali, jiġifieri għandhom is-saħħa li jaraw jew jisimgħu inkella jxommu, imissu jew itegħmu. F'ħafna animali wkoll, bħal fil-bniedem, dawn is-sensi speċjali jinsabu ilkoll flimkien, iżda għadd kbir ta' animali oħra ma għandhomx ħlief tnejn jew wieħed minnhom, iżda jgħixu u jikbru xorta waħda għax jonqoshom biss dak li għalihom mhux meħtieġ. Hawnhekk ser insemmi, għal min ma jafx, xi ħaġa fuq fuq, dwar kif, kemm u x'jaraw l-insetti.

F'ħafna insetti l-iżjed sens meħtieġ huwa x-xamm, iżda f'oħrajn l-għajnejn huma l-qofol tal-ħajja tagħhom għax bihom biss jistgħu jsibu dak li jridu biex igħixu u jikbru. Il-għamla tal-għajnejn ma hix l-istess fl-insetti kollha w għalhekk mhux kollha jaraw indaqs. Hemm ħafna li jilmħu wisq ; oħrajn jaraw il-ħaġa biss wara li jersqu magħha sewwa; xi ftit jagħirfu kemm xejn bejn id-dlam u d-dawl, u fl-aħħarnett dawk l-insetti li jgħixu dejjem fid-dlam, huma għomja.

Dawk l-insetti li jaraw l-iżjed għandhom għajnejn 'komposti jiġifieri magħmulin minn iżjed minn lenti waħda, wisq drabi minn eluf ta' lentijiet. Fil-mazzarell *(Dragonfly)* li sewwa biex isib l-ikel u lil sħabu jew biex jilmaħ kmieni l-egħdewwa tiegħu, jeħtieġlu biss dawk għajnejh kbar u mqabbżin, u dawn insibu li huma magħmulin minn dwar 16,000 lenti żgħira kull waħda hekk imqegħdin flimkien li dan l-insett għalkemm għajnejh ma jitħarrkux, jista' jara ħafna ma' dwaru w fil-bogħod. Dawk l-insetti li għajnejhom magħmula biss minn lenti waħda jaraw ftit wisq; oħrajn barra mill-għajnejn komposti li semmejt, għandhom waħda jew iżjed għajnejn żgħar "sempliċi" *(ocelli)*; iżda b'dawn biss bilkemm ikunu jistgħu jagħarfu d-dlam mid-dawl, u ħadd għadu ma jista' jgħid sewwa xi ħtieġa għandhom la darba bil-għajnejn komposti biss dawn l-insetti jinqdew biż-żejjed. Aktarx li huma *(ocelli)* il-fdal tal-għajnejn sempliċi li jkollu id-dudu (*larva*) qabel ma jidħol fil-fostqa. Iż-żewġ għajnejn veri fl-insetti jinsabu waħda fuq kull naħa tar-ras, u dik l-għajn qisha żejda (meta tinsab hemm) daqqa tkun f'tarf ir-ras, u daqqiet iżjed il-fuq jew lura iżda qatt ma tkun tħares lejn fejn iħarsu l-għajnejn l-oħra.

* Insetti, jissejjħu dawk l-annimali li għandhom ġisimhom maqsum fi tlieta: ir-ras, is-sider (bid-dahar) u ż-żaqq. Kollha għandhom sitt saqajn u ħafna l-ġwienaħ ukoll. Minn xħin ifaqqsu sakemm jikbru sewwa, is-sura ta' ġisimhom titbiddel kemm-il-darba; ħafna jgħaddu minn għamla għal oħra erba' darbiet : il-bajda, id-dudu (*larva*), il-fostqa (*pupa*), u minn din fl-aħħar joħroġ l-insett (*imago*) li ma jitbiddilx iżjed sakemm imut. Dawn il-bidliet igħidulhom *Metamorfosi*.

Dawk l-insetti (bħal animali oħra) li għandhom xi sens speċjali mhux tajjeb biżżejjed, issibilhom ieħor tajjeb għal l-aħħar u li jinqdew bih għal dak li jeħtieġilhom. L-insetti, neħħi ftit, bħal ġrad, il-werżieq u ż-żirżier xejn ma jisimgħu tajjeb, iżda ħafna minnhom iħossu u jxommu wisq u għal dan għandhom dawk li aktarx jissejħu qrun *(antennae)*. In-nemel, ingħidu aħna, jista' jgħaddi sewwa bla għajnejn, u xi nemel huwa tabilħaqq għama għal kollox, iżda mingħajr dawk iż-żewġ qrun żgħar ma jista' jagħmel xejn. Fuq dan saru xi esperimenti sbieħ, fejn lil xi nemel għattewlu għajnejh bil vernic, u dana baqa jimxi u jaħdem qisu ma ġralu xejn, iżda meta qatgħulu il-qrun ma sata' jsib la l-ikel u l-anqas il-bejta. Il-friefet għandhom għajnejn komposti u jaraw ħafna imma x-xamm jeħtiġilhom ukoll, l-aktar għall-mara ħalli ssib weraq li jkun tajjeb biex tbid fuqu u tajjeb għal l-ikel tad-duda meta din toħroġ mill-bajda. Il-baħrija toħroġ tirgħa għal filgħaxija mad-dlam, u aktarx li ssibha fuq ward ta' lewn ċar billi ma għandhiex ħila tara ħlief il-bajdani. In-naħal jara tajjeb ħafna u fuq kollox għandu li jidra l-kuluri u ma jinsihomx malajr. Iż-żunżan ma jarax daqs in-naħla, iżda jagħraf u jiftakar l-għamla w is-sura ta' xi ħaġa jew xi post iżjed min-naħla. Il-ħanfus jara ftit, u min ifittex dak l-insett imlaqqam busuf, għandu jsibu fuq fjur ta' lewn bajdani għax dawn l-iżjed li jidhru. Id-dubbien jara w ixomm tajjeb ukoll waqt li n-nemus aktarx li iżjed ixomm milli jara.

Kullħadd jaħseb li l-iżjed li jolqtu għajnejn il-kotra l-kbira ta' l-insetti huma l-kuluri. Il-ward u ż-żahar għalhekk jiġbdu lejhom l-insetti w dawn isibu fuqhom il-għalf meħtieġ għalihom; iżda waqt li jkunu jduru fuq il-fjur u jiġru minn waħda għal oħra l-insetti jkunu jagħmlu, bla ma jafu, ħaġa ta' siwi kbir: irrid ingħid għal fertilizzazjoni, li mingħajrha ma tistax issir żerriegħa. U għalhekk għal dawk li ż-żahar jew il-ward tagħhom huwa ta' lewn skur, u b'hekk ma jingħarafx mill-insetti, jeħtieġ xi ħaġa li tiġbed l-insetti bil-lewn bajdani tagħha, u din fis-sengħa tal-biedja jsejħulha d-dukkara. Ir-rummien, fost l-oħrajn, li għandu l-fjur tiegħu aħmar, jiġi mdakkar billi jdendlu mal-frieghi "is-sensiela", li hi xitla żgħira tixbaħ lit-tursina; l-anżalor inbagħad jiddakkar bil-ġebel: issa jekk is-sensiela fiha riħa il-ġebla m'għandha xejn iżjed ħlief lewnha, u dan huwa dak li jiswa għad-dakra li hi hekk ta' siwi kbir għas-siġra u għal sidha.

Fl-insetti wkoll, ir-raġel hu isbaħ mill-mara f'lewnu u dan jaħsbu li jiswielu ħafna biex jiġbed lejh għajnejn is-sieħba.

Semmejt li n-naħal jara tajjeb il-kuluri u jiftakarhom ukoll. Fuq dan għamel esperiment sabiħ Lord Avebury: dan ħa ftit strixxi tal-ħġieġ ta' daqs wieħed u li minn kull waħda kien

jidher il-lewn, wieħed mhux bħal l-ieħor, ta' biċċa karta mwaħħla ma' kull strixxa, u fuq kull ħġieġa dellek ftit għasel. Dik innaħla li daqet l-għasel l-ewwel darba minn fuq il-ħġieġa tal-karta kaħla, baqgħet tmur għal l-għasel fuq dik il-ħġieġa biss ukoll meta ma ħallihiex fejn kienet l-ewwel darba. Naħla oħra kellha tieħu l-għasel minn fuq ħġieġa ħamra, għax l-oħrajn ġew moħbija, u wara li ħallieha tiekol kemm-il-darba (sakemm drat li dak il-lewn ifisser maxtura tajba tal-għasel), flok il-ħġieġa bil-għasel qiegħdilha waħda ħamra wkoll, u mingħajr għasel, u ħdejn din waħda kaħla bil-għasel fuqha. Meta n-naħla ġiet mill-ġdid għall-ikel, marret mill-ewwel fuq il-ħġieġa il-ħamra u wara li qagħdet tifli sewwa li għasel ma kienx hemm fuqha, telqet minn fejn ġiet mingħajr l-anqas biss ma ndunat bil-għasel ta' fuq il-ħġieġa l-kaħla. Dan jurina mhux biss li n-naħal jara iżjed milli jxomm, iżda wkoll li jidra jiftakar il-kuluri.

Ta' min isemmi hawn esperiment ieħor magħmul biex jaraw kemm il-friefet għandhom għajnejhom iwasslu. F'għodwa sabiħa meta ħafna friefet jittajru fuq il-fjuri, rabtu bil-ħajt ma' xi friegħi ftit friefet tal-karta w ħallewhom jittajru maż-żiffa. Uħud minn dawn il-friefet tal-karta kienu mfasslin u miżbugħin sewwa sew bħal friefet naturali, waqt li oħrajn kienu magħmulin ikbar u miżbugħin ħażin ħafna. Il-friefet naturali bdew jaraw lil sħabhom tal-karta mill-bogħod, iżda waqt li għarfu lil dawk li kienu magħmulin ħażin meta waslu biss xi tlett ixbar bogħod minnhom, huma baqgħu sejrin fuq dawk li kienu jixbħuhom sewwa, u ġie li kien hemm sitt friefet irġiel imdawrin ma' wieħed tal-karti jixbaħ sew il-farfett mara. Dan jurina li għalkemm il-friefet jaraw mill-bogħod, ma jagħrfux dak li jkunu raw jekk ma jersqux ħdejh.

Id-dawl, ma għandniex xi ngħidu, bħala ħaġa tleqq, jiġbed ħafna għajnejn l-insetti, l-iżjed ta' dawk li jittajru bil-lejl. Kull-ħadd ra xi darba, kemm nemus, friefet u nsetti oħra jinġabru ma' xi lampa li tkun tixgħel għall-beraħ f'xi lejla sajfija. Imsieken insetti jmorru biex itemmu ħajjithom maħruqa. Id-dubbien issibu kullimkien, l-iżjed għad-dawl, u dan jafuh sewwa in-nisa tad-dar għax erħilhom igergru (mhux dejjem bla raġun) jekk tiftaħ xaqq dawl f'kamra li minnha jkunu keċċew id-dubbien il-barra. In-nemus ukoll malli jilmaħ dawl f'xi kamra jtir għal fiha, u bil-lejl ixomm lil min ikun rieqed hemm, iniggżu w jixba' b'demmu. Il-musbieħ il-lejl mara (li ma għandhiex ġwienaħ) tiġbed għajnejn ir-raġel (li ma għandux dawl), b'dak id-dawl sabiħ li ġġib fuq denbha, u li tista tixegħlu u titfih meta trid.

Xtaqt insemmi bosta ħwejjeġ oħra fuq il-ħajja ta' l-insetti, iżda jekk nagħmel hekk noħroġ barra mis-suġġett, li għalkemm tħaddidt fuqu ħafif ħafif, naħseb li jogħġob jekk mhux lill-moħħ, għal l-inqas lill-kursità.

EMMELESS.

# LIL PALMA XIĦA

*Lil Dun Karm li jafha*

Kemm l-April għadda minn fuqek
siġra sbejħa, wens tal-ġnien,
kemm l-April rajt ġej u sejjer
fit-taqlib miqjus taż-żmien?

Tgħidli qalbi li tgħodd sewwa,
u bħal dawn rajt bosta xhur:
hekk jixhidlek iz-zokk oħxon
il-palm wiesa, kenn l-għasfur.

Dak li ħawlek miet u ntesa,
min saqqiek ħadd ma semmieh,
inti biss hawn għadek tħaddar,
tkidd lix-xtiewi, tinki r-riħ,

Kemm l-għasfur għammar ġe xuxtek,
kemm il-għanja tidwi smajt,
kollha taru w ma ġewx iżjed
iżd'hawn dejjem inti bqajt.

Siġar oħra ihennuna
meta jilbsu ward u nwar
inti dejjem tħaddar, tħaxwex,
għalik m'hemmx Diċembru u Frar.

Xita, silġ, xemx tikwi, sħana
kollox risq, kullħadd ħabib;
xejn ma jgħakksek, xejn ma jilħqek,
int ma tafx xinhu tiġrib.

Li kont nista', siġra sbejħa,
li kont nista' nidħol fik
u nitkixxef fejn hi l-moħba
li b'dal jiem hekk twal tagħnik.

Għax jien naf, għax qalbi tgħidli,
li għalija m'hemmx wisq xhur:
hekk inħossni xħin fl-għaxija
il-lejl waħxi lilna jżur.

U nkun waħdi: waqt li l-ħajja
tidher tnewnen bħal musbieħ,
bla twennisa tibqa' qalbi
din il-qalb li ħabbet sħiħ.

Jien immut, bħal warda naqa'
fl-isbaħ għodwa tal-ħolqien,
jien immut u inti tibqa'
tibqa', naf, għal bosta żmien.

Iżda l-għanja ta' żgħożiti
tibqa' ħierġa mill-imwiet,
l-għanja tiegħi ma tmutx miegħi
għaliex ġejja mis-smewwiet.

U kull sena April fuq qabri
jinseġ damm ta' żah'r u klin
għax April ħabib l-għannejja
għalkemm żgħar, għalkemm ċkejknin.

Inti tgħix, ja siġra, w-tħaddar
iżda tgħix bla qalb u ħsieb,
bla ma tista' tħobb u tgħanni
bla ma tista' tħalli ħbieb.

Le ma ngħirx għal għomrok diemi,
le ma rridx dat-tul ta' jiem,
jien fil-għana nħalli qalbi
għax il-għana jgħix bla tmiem.

ĠORĠ PISANI

# TLIET ŻEBBUĠIN MIXHURA (*)

Waħda mill-egħwejjed il-qodma taż-Żebbuġin, hi dik li bil-Malti ngħidulha rġulija. Bħala mera ta' din ir-rġulija, Żebbuġija u Maltija ħin wieħed, b'dak kollu li ġġib magħha: imħabba lejn id-Dîn u Art it-twelid; għaqal u qlubija, insemmu tliet Żebbuġin biss: Dun Mikiel Xerri, l-Isqof Caruana, u Mikiel Anton Vassalli. Mhux għax ma kienx hemm irġiel daqshom, qabilhom u wrajhom: imma nsemmu lilhom għax b'xortihom, għexu fi żmien it-taħwid, u hekk ġiethom in-newba li juru x'inhuma.

(*) Mixhura = msemmijin, magħrufin.

Mikiel Anġ. Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ fid-29 ta' Settembru 1737, minn Bartilmew u Anni. Meta tfarfar bagħtuh jitgħallem Napli, għand il-għaref Genovesi, imbagħad f'Montpellier, fi Franza. Sar qassis fis-sena 1761. Għall-ewwel kien igħallem il-għadd u l-qjies, fis-Seminarju tal-Imdina fejn fost it-tfal, kellu lil Saver Caruana, li l-quddiem sar Isqof ta' Malta. Imbagħad laħaq rajjes ta' dak is-Seminarju. Minn hemm għadda għall-Università tal-Belt, fejn kien igħallem il-Filosofija, u tagħlim ieħor li jmur magħha. Tul daż-żmien, il-Ħdud u l-Għejjieda kien igħaddihom fir-raħal maħbub tiegħu, kif ukoll ix-xhur battala tas-sajf.

Sa hawn Dun Mikiel kien sejjer ħarir, bħal kull qassis ieħor, sa ma ġietu x-xoqqa f'moxtha li juri x'kien isarraf, u dan ġara fi żmien il-Franċiżi.

Dawna daħlu f'Malta f'Mejju tas-sena 1798. Għall-ewwel Dun Mikiel ma ndaħalx magħhom, bħal ma ndaħlu ż-żewġ Żebbuġin l-oħra, Caruana u Vassalli. Kien jaf xi jroddu l-Franċiżi! Imma malli bdew ibagħbsu, u l-Maltin qamet għalihom, Dun Mikiel kien wieħed mir-rjus tal-ftehima li saret biex iqaċċtuhom il-barra. Ma seħħitx il-ftehima, u l-miftiehmin inqabdu, fosthom Dun Mikiel. Il-Franċiżi riedu jbiġġluh; raġel bħal dak dnub teqirdu. Imma rġuliet Dun Mikiel kienet akbar milli ħasbuha huma. Rieduh jikxef lil xi ħadd minn sħabu, biex b'hekk jeħles lilu n-nifsu. Itabba ġieħu biex igħix, Dun Mikiel? Mela x'inhu! Anqas b'ħolma! Urihom lill-Franċiżi x'taf trodd Malta, u b'inkejja fihom kellhom jaqtgħuhielu għal mewt. Sbiħ is-17 ta' Jannar 1799 Dun Mikiel ma' sħabu ġiè meħud mill-ħabs ta' Sant'Elmu għal Misraħ ta' quddiem il-Palazz, il-Belt, fejn kellhom jinqatlu.

Kif laqagħha l-mewt Dun Mikiel?

Bħalu jista' jkun, imma aktar ta' raġel minnu qatt ebda bniedem fid-dinja ma laqagħha! Ta' qassis li kien dar bi sħabu l-oħra qabel il-mewt. Meta mess lilu, mhux biss ma riedx igħammdulu wiċċu, imma qiegħed l-*uċċali* f'għajnejh, ħares lejn il-għassiesa li kellhom jiġbdu fuqu, u b'leħen qawwi għajjat "Nar!" Stemgħet tifqigħa kbira, u Dun Mikiel waqa' warranijiet, u saqqa b'demmu l-art għażiża ta' Malta tiegħu.

* * *

Franġisk Saver Caruana twieled Ħaż-Żebbuġ fis-16 tax-xahar tal-Karmnu tas-sena 1759. Missieru kien jismu Ġużê, *luogotenent* tar-raħal, u ommu Gerit Bonnici. Meta kiber ftit daħal jitgħallem għal qassis, fis-Seminarju tal-Imdina; minn ċkunitu kien moħħu jilħaqlu, u dan jidher milli, kif jingħad, fehem tajjeb it-tëorema ta' Pitâgora minn darba waħda biss li fissirha quddiemu Dun Mikiel Xerri, imgħallmu.

Meta ħeles it-tagħlim tas-seminarju, niżel l-Università tal-Belt, fejn għadda l-quddiem f'kull xorta ta' għilm. Sar qassis

ta' 23 sena. Meta Dun Mikiel niżel igħallem l-Università, Dun Saver tala' s-Seminarju tal-Imdina minn bidlu. Sar kanonku fix-xahar ta' Santa Marija 1796. Sentejn wara ġew il-Franċiżi, u hawn Dun Saver bħal ma wera li jħobb l'Alla, ġietu n-newba li juri kemm kien iħobb lil Malta.

Daħal mal-Franċiżi f'dik li kienu jsemmuha l-Għaqda tad-Disgħa, bil-ħsieb, kif jidher sa minn kliemu, li jġegħelhom ibiġġlu l-Knisja, jew biex jara minn qabel ma' min kellu x'jaqsam. Huma xammewh lil Dun Saver, u aktar minn darba sab ruħu f'tiġrib il-mewt min-naħa tagħhom. Meta rà li kien il-waqt, telaqhom u sar rajjes tal-imxewxin, l-ewwel taż-Żebbuġin u s-Siġġiewin biss, u mbagħad ta' dawk ta' Malta kollha.

Il-qawwa ta' sur għall-Franċiżi, u l-ħniena ta' missier għall-Maltin li wera f'dak iż-żmien, huma ħwejjeġ tal-għaġeb. Ġagħal lil dawk jitilqu kullimkien u jistaħbew fil-Belt Valletta, u lil dawn kien jaħsbilhom, bit-tisfiq tal-wiċċ mal-barranin, għall-ħwejjeġ tal-ikel u għall-għodda tat-taqbid. Marid, sa f'qiegħ ta' sodda bid-deni fuqu, u ma jitlaqx ix-xogħol tiegħu. Ma jistriehx sa kemm jara ż-żgħira Malta fil-ħdan qawwi tal-Ingliżi. Fehemha Dun Saver li l-iżgħar jeħtieġ il-għajnuna tal-akbar.

Wara li daħlu l-Ingliżi, Dun Saver baqa' jaħdem b'ħiltu kollha għall-ġid ta' ħutu l-Maltin. Sar rajjes tal-Università fejn għadda l-quddiem it-tagħlim li kien hemm, u daħħal tagħlim ġdid. Fis-sena 1813 ġiè l-mard li qered eluf ta' nies, u hawn Caruana baqa' jwettaq imġibtu ta' qassis u Malti tajjeb li kien. Igħin lil kull min jeħtieġu, bil-kliem u bil-għemil, fir-ruħ u l-ġisem. Meta ma kienx fadallu x'jati aktar lill-foqra, sa d-*domna* tad-deheb li kellu f'għonqu tahom, biex jixtru xi ħaġa biha! Sar Isqof fl-1832, b'dana kollu baqa' jagħmilha ma' kull-ħadd, fqar u għonja, bla ebda kburija. Mal-beltin jitħaddet fuq il-*Pulîtka*, u mal-bdiewa fuq il-biedja. Qalbu f'idu ma' kullħadd. Miet mewta qaddisa fis-17 ta' Novembru 1847. Ġismu ndifen il-Katedral u qalbu fir-raħal maħbub tiegħu Ħaż-Żebbuġ (1).

* * *

Mikiel Anton Vassalli twieled Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Marzu tas-sena 1764, minn Grabiel u Catarin Magro, nies jagħmluha tajjeb. Ta' sitt snin safa' ltim minn missieru, u ommu wara ftit reġgħet iżżewġet. Jingħad li Mikiel kien għal qassis, w-aktarx tgħallem il-latin hawn Malta. Imbagħad mar Ruma fejn tgħallem fost ħwejjeġ oħra, il-għarbi, u ilsna oħra tal-gidd tiegħu. Meta kullu 26 sena ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu f'Ruma, "L'Alfabeto Maltese," li dam jaħdmu xi sentejn. Sena wara ħareġ Grammatka Maltija, miktuba bil-latin. Tarġa' sentejn wara ħareġ xogħol ieħor fuq xi kitba tal-oqbra bil-Għarbi li nsabet Sqallija. Fis-sena 1796 ħareġ l-aqwa xogħol tiegħu, li hu Ktyb yl Klym Malti, jew *Dizionariu* Malti latin, taljan. Ħadem f'dal-

(1) Kavalieri; *fieres* tfisser *kavalier*.

Ktieb tnax-il-sena, u ħtieġlu jdur ir-rħula ta' Malta u Għawdex biex jiġbor xi kliem u għidut għal dan ix-xogħol tiegħu.

Ħtija ta' ħrieb Napuljun, u l-bruda tal-Firsien (1) ta' San Ġwann, dak iż-żmien kollox kien sejjer ħażin hawn Malta. Vassalli bil-ħarġa tal-aħħar ktieb tiegħu, kien issemma bħala bniedem ta' dehen kbir. Il-Maltin bdiet taħlef bih, imma nies il-ħakma għajnhom għaqrithom minnu. Fl-1797 ressaq quddiem is-sultan De Rohan kitba b'xi tnebbiħiet li kellhom isiru biex il-gżira tirtafa' mill-għaks li kienet fih. Billi f'dil-kitba Vassalli talab li jingħata l-jedd lill-Maltin li jidħlu Firsien bħal ġnus oħra, u li jkollhom fejn jitgħallmu bla ħlas, u li l-omra (liġijiet) joħorġu bil-Malti, is-Sultan u ta' ma' dwaru, aktar ħasbu ħażin, u ma tawh ebda widen. In-nies għarfet dana, u nġibdet iżjed għalih.

Dak li ma sehħlux bis-sewwa Vassalli riedu bid-dnewwa. Għaqqad xirka ta' żgħażagħ Maltin bil-fehma li jwaqqgħu s-sultan u jwaqqfu ħakma Maltija. Il-ftehima nkixfet qabel il-waqt, u l-Vassalli ħakmuh bil-ħabs għal għomru, u xeħtuh ir-Rikażli (12 ta' Jannar 1797), mnejn ħarab ftit wara ma' xini griega li ħaditu Salerno.

Raġa' ġiè Malta ma' Napuljun u sar *ajjutant* tal-Għassa Maltija. Waqt li kien magħluq il-Belt mal-Franċiżi, marad u ħtieġlu joħroġ mis-swar il-barra. Qabduh il-Għases ta' Dun Saver u baqa' l-ħabs sa Settembru tas-sena ta' wara, meta qatgħuhielu għan-nifi (2).

Sa Diċembru 1800 kien għadu hawn Malta; u nhar il-Milied ta' dik is-sena talab maħfra lil Sir Alexander Ball, li ma ġietlux mogħtija. Siefer minn Malta fl-1801. Aktarx mar Franza, għax iżżewweġ Marsilja u kellu tlett itfal.

Raġa' għal Malta fl-1820, u biex jista' jgħix fetaħ igħallem lit-tfal. Għamel ħbieb ma' wieħed ingliż, J. Hookam Frère, li waqaf miegħu wisq, sa daħħlu jgħallem il-Malti u l-ilsna Semija l-Università (1825).

Sentejn wara ħareġ ktieb: "Grammatica della Lingua Maltese." Għal dik il-ħabta wkoll qaleb bil-Malti l-Erba' Bxajjar ta' Sidna Ġesù Kristu, li b'xorti ħażina tahom lil Ingliżi li tebgħuhom f'Londra. Fis-sena 1828 ħareġ ktieb ieħor, "Proverbi, Motti ed Aforismi Maltesi," li kien l-aħħar tiegħu, għax miet fit-12 ta' Jannar 1829.

Billi kien tâ l-Bxajjar lill-Ingliżi u tebgħuhom il-Protestanti, il-qassisin ma difnuhx fil-maqbar tal-Knisja. Hekk mhux magħruf sewwa fejn hu midfun, imma aktarx difnuh l-Ingliżi fil-maqbar tagħhom tal-Imsida. Hekk intemm dal-bniedem, li ħajtu kollha għamel ġid u sfalu deni (3). L. C.

(1) Niżżi ħajr wisq lis-sur L. Vella, mit-tagħrifiet fuq Dun Mikiel Xerri u l-Isqof Caruana li bil-qalb kollha tani.

(2) *nifi = turrufnament.*

(3) Dan li ktibt hawn fuq Vassalli, meħud qiesu kollu mix-xogħol li għamel s'issa is-sur Nin Cremona. Nizzi ħajr bil-qalb.

# IL-POËŻIJA TA' NINU CREMONA

(*Jorbot ma' faċċ. 25 tan-Nru. 26*)

Natu daqqa ta' għajn issa lill-għanja li tilħaq wara, "*Egħluq Sninek*", għanja li l-awtur kiteb bħala tislima lill-Ħabib ġurnal mill-aħjar, wara li kien ilu joħroġ erba' snin, immexxi dik il-ħabta minn Ġ. M. Azzoppardi. Il-għanja hi ħafifa fiha nfisha, issaffarha meta ma tkunx bin-nervi, u trid tati x'jifhem lil min ma jafx; bla pretensjonijiet letterarji, madankollu fiha daqqiet ta' pinna sħaħ, jixbħu lid-daħqa sħiħa ta' min jidħaq għax ma għandux biża' ta' dak li jgħid. Qabel nati xi tislit minn din il-għanja ħelwa, jaqbel tassew ingħid xi ħaġa x'kien dan il-Ħabib lil dawk li ma jafux bih. Il-Ħabib kien dak il-ġurnal li ma messu ntesa qatt minn Malta, għat tħabrik li wera biex ilsienna jiġi f'tiegħu, jinkiteb suriet in-nies u jintgħażel f'bixla letterarja mir-radam ta' kitba ħażina bla qies, bla lġiem u bla idealità ta' sengħa li xeħet l-għajb fuq Malta. Kien ġurnal jitħaddet fuq ħafna fergħat tal-ħajja soċjali: reliġjon, sengħa, għerf, tagħrif ġenerali, u x'naf jien. Kien qisu xi ħaġa bħal Leħen is-Sewwa tal-lum, imma aktar imżewwaq, aktar għani, aktar mifrux fis-suġġett li jittratta, u għalhekk aktar ta' fejda, imbilli kien jara l-ħajja minn ħafna rkejjen u mhux minn rokna waħda biss. U dan ma setax jonqos. Għax donnu dik il-ħabta xi Maltin, il-lum mifruda, kienu jiftehmu aktar bejniethom, kienu mmexxijin minn prinċipji xorta waħda għall-ġieħ ta' Malta, bi lsienha mirqum skond s-sengħa tal-kitba bħal ta' artijiet oħra. Fost il-kittieba magħrufa jien nista nsemmi lil Cremona, Dun Karm Psaila, il-professur Cuschieri, Ġużè Micallef, il-Ministru tal-Biedja, il-Kav. Ġużè M. Azzoppardi u oħrajn. Fejn hemm il-għaqda hemm is-saħħa. Jalla fostna jarġa' jsaltan il-ftehim għalenija. Tgħidulix li b'dan it-tagħrif ħriġt mill-għalqa l-barra. Ridt infihem x'kien il-Ħabib biex wieħed jista' jifhem ħsebijiet l-awtur fl-għanja tiegħu fis-saħħa u l-qawwa tagħhom kollha. L-aħjar imma nisimgħu lilu n-nifsu jkellem lil dan il-ġurnal: Nisimgħuh ikellmu dwar il-egħdewwa li kieku riedu jfixklu l-missjoni tiegħu, għax, kif tafu l-malti msawwat minn dejjem:

Imxejt f'baħar ta' mewġ qawwi,
u l-irwiefen ħabtu fuqek.
Bit-tmegħir, daqqa ta' pinna
qatt ma waslet sa tarf ruħek

U qalulek Malti ż-żejjed:
għandek riħa ta' Quran;
iżda kliemek safi u ħlejju
għaraft tħożżu bħat-taljan!!

F'dil-pulitka kellek x'taqsam,
għamlu kollox biex joqtluk.
Saħansitra ħaffru qabar
ġol-*Minsija* biex jidfnuk.

L-aħħar verstejn huma daqqa ta' pinna sħiħa. Hemm x'tixtarr u x'ittiegħem. Il-Malti kien minn dejjem imħabbat (u minn min!) daqqa minn hawn u daqqa minn hinn. Imma sfalhom suf kullma għażlu dawk li għerqu u xerqu biex jeqirdu l-Malti, għax balleċ! Isienna saħħar. Flok ma rtema u ntefa f'qabar ġo *Minsija*, jogħġobna ngħidu l-lum li l-Malti bis-saħħa tal-Professur P.P. Saydon u ħbieb oħra, irnexxielu jindehes mal-istudenti tal-Università, jagħmel ħabib magħhom u hekk iqum minn l-imwiet biex qatt ma jmut iżjed.

Dlonk wara tasal *Il-Qdumijiet Tagħna*, poeżija bil-kif minsuġa mill-ħjut imżewqin tal-ħrejjef maltin, għerf misserijietna bla miktub, b'tifkira tal-magħruf Napuljun Tagliaferru. Nista' ngħid li f'din il-poeżija Cremona ma jħallix ruħu tinħrikeb mir-reqqa tal-istorja bħalma ġralu ngħidu aħna f'poeżija *"Lil Mikiel Anton Vassalli"* kif għad naraw il-quddiem. Hawn Hu jħaddem il-fantasija, jilmaħ is-sabiħ tal-ġrajja mlaqqa ma' nar-ir-ruħ, minsuġa b'versi sħaħ u mexxejja. Is-suġġett tal-poeżija hu dan: Dari aħna konna naħsbu li l-bini bil-Ħaġar Kbir ta' qabel l-istorja kien mibni mis-Sajdunin (Feniċi). Imma l-lum għerf-il-qedem wera bid-dieher li l-Ħaġar Qadim tagħna huwa xogħol ta' nies wisq iżjed imbegħda mill-Feniċi. Kif għebu, igħid il-poeta, ma' dan il-għerf ġdid il-ħrejjef li sensilna ma' nisel il-Feniċi, u maddrawwiet tagħhom "kemm ftit għożżejna l-Ħrafa tas-Sajdunin!?" u l-lum, jissokta jgħid il-poeta lill-Maqdes tal-Ħaġar Kbir ta' Ħal-Tarxien: li ma kienx il-għerf imħarreġ,

min kien jiftakar fik, min kien isibek,
l-isfel mill-qoxra ta' din l-art, taħt l-oqbra
taż-żmien li jħott is-swar, jiknes u jordom
ibliet u rħula?

U ħrafa kont sal-bieraħ fil-moħħ tagħna:
għax malli rawk l-għajnejn ta' niesna l-qodma
tixref mill-ġdid għad-dawl tax-xemx bil-Ħaġra
wieqfa, waħxija,

ghaġeb ħasbuk ta' saħħa: il-Ħares (1), qalu,
u sħabu tal-Mungbell kien darba waqqfek,—
il-Ħares, li b'għajn waħda tiddi f'moħħu,
il-beraq jagħmel.

Wara din il-poeżija tmiss *"Ta' L-Imwiet"*, miktuba għall-ħabta ta' 1916, meta Gżiritna, f'dawk il-jiem ta' hemm ta' tqabid u tixrid id-demm, kienet taqdi ta' kenn għal midrubin ta' l-imxerkin tal-Gwerra. Minn hawn it-toqol ta' qalb li jaħkem ħsebijiet il-għanja, bħal tagħbija fuq dahar miflug. Il-poeżija mhix kerha, ma dan kollu bħala xogħol letterarju mhix magħquda biżżejjed, il-versi mhumiex melsin imma kulltant donnhom bil-ħotob u l-ħsieb mhux maqlugħ għall-kollox:

Igħid il-poeta: Dil-ħabta tal-Gwerra ma' wiċċek ma tarax ħlief qtiegħ il-qalb, għax:

Roħsot il-Ħajja (u donnu kulma fina).
Imexxi l-bidwi bla qalb xejn moħriet
u ktieb ma jiftaħ iż-żagħżugħ; tiswied
fix-xefaq taż-żerniq l-isbaħ stedina...

Issa jilħqu erba' sunetti maħdumin: *Il-Bews tal-Mamma,* maqlub mill-ingliż, (il-poeta nesa l-awtur tal-oriġinal,) *l-Omm, il-Lejl,* "ħsieb t'Alla fil-ħolqien, mistrieħ u rieqed" u *L-Għasfur* "xbieha tal-ħsieb li tgħix fil-għoli tas-sema". Jogħġbuni l-erba' sunetti, imma l-aktar *"l-Omm"* u minn dan inressaq tislita: deskrizzjoni tolqtok, donnha meħuda dritt mill-ħajja, ta' kelba tradda l-ġriewi tagħha, xbieha ta' mħabbiet l-Omm li tgħajjexl-uliedha bil-benna ta' matmuriet sidirha, mitlufa f'ħolma ta' għaxqiet-il-qalb:

Hi wieqfa fuq saqajha
ta' quddiem toqgħod, b'dawk l-għajnejn ħosbiena;
tħares, titbikkem, fl-isbaħ ħolm titlajja...

Għaliex mis-sider tħoss ħierġa bi ħniena
ħelwa t-tisqija ta' dik l-għaxa: (2) il-ħajja
tal-Ħajja tagħha u l-egħżeż żmien ta' żmienha.

*"Il-Qatra"* ma ghandha l-ebda siwi barrani; imma hi ħelwa fix-xejra tagħha ċajtiera. Bil-*Qatra* l-poeta jifhem dik l-imbierka

(1) *Ġgant* kif dlonk jissejjaħ fil-ħrejjef tagħna; għaġeb li l-kittieba tal-ħrejjef ġiebu taħt ix-xbieha ta' *Ciclope*, li għammar ma' sħabu fil-Mungbell ta' Sqallija. Iċ-*Ciclopi* kien hemm min ħallathom mal-*Gigantes* jew *Żigantes*, nies qodma tal-Barberija, imsemmijin minn Erodotu. Xejn mhu tal-għaġeb jekk l-isem tal-Ġgantija ta' Għawdex tnissel minn din ix-xniegħa.

*(nota ta' l-awtur)*

(2) ikla;

qatra xorb li taqdina f'ħafna ftietaq tal-ħajja; għax fost il-ħwejjeġ l-oħra,

"Il-qatra l-għaqda—ta' kollox saret,
u dlonk għall-qatra—il-boxxla daret...
Fehma ta' raġel—tixtri bil-qatra,
l-ilsna marbuta—kif tħoll mis-satra!
Tkun qalbek sewda—tkun bit-trentun,
Kif igħaddilek—iżżomm flixkun!
Iżżommu f'darek—bħal mediċina
mal-flixken l-oħra—fuq komodina,
u tferraħ minnu—kull fil-għaxija,
u bih issaqqi—kull ħbiberija.

Nitilqu wrajna parodija gustuża:? *(Fuq li kiteb Lorenzo dè Medici fl-1470)* u niġu għall-*Gazzetiino Rosa.* Dan il-misem tas-sunett nebbaħħulu lill-kittieb tagħna l-mejjet avukat Ġanni Galea, eżaminatur tat-taljan l-Università, li kellu ħabta jgħarrafhom sewwa lill-ġuvintur rotob, tajbin biss biex jitħannxu mannisa tas-salottijiet. *Gazzettino Rosa* mela jiftihem għal ġuvintur ta' din il-għamla: L-awtur stess igħarraf li l-*"Gazzettino Rosa"* kien l-isem ta' ġurnal ta' żmien Cavallotti li kien jiddieħak b'ġuvintur bhal dawn. Naraw kif Cremona jagħżlilna wieħed li trid seba' għajnejn biex tħares lejn ix-xniexel tiegħu:

Vetrina fuqu tara: ċfuf u dniedel;
għall-ifjen labra oh ruħu żgur idejjen.
Jidħollok bħal ferghun fl-isbaħ irkejjen,
b'daħka, b'tislima, kollu qlugħ ta' kpiepel.

Bħala pittura din it-tislita mill-aħjar; imma t-tieni vers juri nuqqas ta' Cremona, jiġifieri l-kliem żejjed li q'ed hemm biex jimla biss.

Għall-ifjen labra *oh* ruħu żgur idejjen

dik l-*oh* mhix ħlief feles biex timla toqba. X'imkien ieħor wieħed josserva l-istess ħaġa. Imbagħad xi darba l-vers hu iebes, imġebbed, ma jroddx il-ħsieb tal-kittieb ċar u mieles. Naqraw dawn it-tlett versi

Ifeġġulu mill-bwiet bħal ward u dejjem
l-imkatar tal-ħarir li għandhom riħa
biex tiġbed lix-xbejbiet bla ma tithejjem.

Min għalija l-aħħar vers hu ikreħ, u mġebbed mir-rabta tarrima.

(*Jissokta*)

Ġużè Aquilina.

# IL-KLIEM ŻEJJED GHAL HADD M'HU TAJJEB

Katarin, xbejba ta' xi għoxrin sena, kienet tgħammar man-nanna tagħha, li kien metilha r-raġel u ma kellhiex tfal. Ma għandniex xi ngħidu x-xiħa kienet tħobb it-tifla daqs dawl għajnejha u qatt ma tgħid le għal kull ma titlobha. Darba waħda fi dħul ix-xitwa Katarin qalet lil nannitha: "Nann, taf li dieħla x-xitwa u li l-*coat* tas-sena l-oħra tqattagħli; għax ma mmorrux il-belt dil-ġimgħa, kif ma għandna x'nagħmlu xejn, biex nixtru wieħed? Il-festa tagħna dalwaqt tasal ukoll, u jien miniex ser noħroġ b'dik il-libsa f'dak il-bard kollu." In-nanna b'demgħa fuq għajnejha, weġbitha bil-ħlewwa: "Iva, iva, ruħi; mela lè? Għada stess immorru; hemm dak Toninu ta' Strada Mercanti; ngħaddu għandu w ninqdew sewwa ħafna. Miskin, s-issa minn kemm ilna nixtru minn għandu qatt ma daħak bina! U mhux dan biss. Imma meta nidħlu fil-ħanut tiegħu dejjem joħdilna b'idejna u joqgħod xi nofs siegħa jitkellem magħna; imbagħad lilek, Katarin, iħobbok wisq: kien jatik kollox b'xejn kieku dawk iż-żewġ ħutu ma kienux b'seba' għajnejn fuq il-ħanut."

In-nanna kienet ta' kelmtha; u l-għada f'xit-tmienja ta' fil-għodu telqet mat-tifla ta' bintha lejn il-belt. Mawra bħal din kienet tkun festa kbira għal dawn iż-żewġ nisa: ix-xiħa dden-del ma sidirha kemm deheb kellha, u ż-żgħira toħroġ kemm tista' pizzi minn taħt il-kappell, li l-moda tiegħu dejjem tkun ila li għaddiet sena.

Kif waslu l-belt, l-ewwel ma marru il-ħanut ta' Toninu, li xħin rahom deħlin il-bieb sellmilhom bid-daħka: "Bonġornu fil-għodu Katarin u kumpanija! Hawn x'ġiebkom il-lum? jaqaw Kat trid taqta xi *coat* għal festa?"

"Qtajtha Toninu, wieġbet it-tifla. Irrid biċċa drapp aħdar, bħal dak li għandek fl-armatura hemm barra."

"Iż-żift, Katarin, kemm taf tagħżel! Dak ħadu minnu l-aq-wa sinjuri tal-belt."

"Allura? dak għoġobni; u ara, Toninu, bħas-soltu; prezz baxx ħalli naqtgħu fil-qasir."

"Il-lum, Katarin, ser nitolbok, l-iktar prezz baxx li tista' taħseb. Taf kemm? Bewsa x-xiber,"

Toninu qal hekk biex jiċċajta, billi kien jaf li ma dawn it-tnejn dejjem kien jikkorda. Katarin mill-banda l-oħra, ta' xebba għaqlija li kienet, riedet tagħmel waħda minn tagħha; u staqsiet:

"Tassew Ton? Biex jekk inhu hekk nieħu tletin xiber."

"Hiii... da' sgur li tassew, mela aħna hawnhekk qegħdin nilagħbu? Arani ser naqtagħlek." U Toninu kif qal hekk

ġieb il-pezza u qatagħlha tletin xiber. Katarin ħadet id-drapp f'idejha,u bid-daħka fuq xuftejha daret lejn nannitha u qaltilha:

"Ħallas, nann; u flok tletin bewsa tih mija jekk irid. Tħallihx igerger għal erba' bewsiet."

In-nanna, bejn trid tidħak u bejn lè, sejħet lil Katarin li kienet tielqa l-barra w qalet lil Toninu:

"Uh, eħlisna Ton, f'ġieħ kemm hemm. Isa, kemm hu l-qasba ?"

"Ara, inħallihulkom daqs kemm ħadtuh is-sena l-oħra" wieġeb Toninu bla ċajt xejn. Iżda dan lil Katarin ma għoġob-hiex u qabżet qaltlu :

"Le, Ton; aħna tad-drapp ma natuk xejn ħlief dak li ftehemna miegħek. Jekk trid ħu, u jekk ma tridx oqgħod; hemm ara tista' issaqsi lil ħutek."

Għal dawn il-kelmiet ta' Katarin ma setagħx iwieġeb b'ħaġ'oħra ħlief billi jħares lejn ħutu ; li qamu minn fejn kienu u qalulu: "Lil Katarin ħalliha tmur,għax il-ħtija kollha tiegħek; fin-negozju m'hemmx ċajt. U dawn il-flus li tlift il-lum minn fuq għadmek inġibuhom: għax għal xahrejn sħaħ l-anqas ħabba ma tara b'għajnejk."

Katarin dan li kienet tistenna, u wara li sellmitilhom, ġibdet lil nannitha u telqet il-barra. U l-imsejken Toninu kellu jbati ċ-ċajta. Sewwa jgħidu li l-kliem żejjed għal ħadd m'hu tajjeb.

Gejtu Cassar.

# XEWQA BLA TAMA!

Għaliex, għaliex ma għandix oħti wkoll jiena,
Biex konna nkunu t-tnejn flimkien ħenjin;
U lilha kont inħobb, biex fl-istess ħin
Il-qalbi magħha nserraħ minn kull piena?...

Tismagħni int oħti kont, bi kbira ħniena,
Nisfoga n-niket tiegħi bi dmugħ bnin,
U ssabbar lili tmur bi kliem ħanin,
Waqt li tagħdirni kont b'qalbek sogħbiena!

Jien żgur li bl-għamil tiegħek kont tibdilli
L-imrar li bih inħoss qalbi mimlija,
U s-serħ, u s-sabar fis targa' xxettilli!

'Ma lilek jien ma għandix biex nista' ngħożżok,
Oħt tal-ħolm tiegħi, u għalhekk b'qalbi mifnija,
Għalxejn nixtieqek tgħidli: "kemm inħobbok"!!

V. M. Pellegrini.

# TAGĦRIF

Niżżuħajr lill-Prof. U. Abela Hyzler tal-Kajr li bagħtilna numru speċjali tal-qari franċiż "*Le rayon*", li joħroġ il-Kajr darba kull xahar. Dan in-numru, li ħareġ bħala tifkira tas-Sena Mqaddsa tal-mewt ta' Kristu, fih bċejjeċ żgħar miktubin bi 22 lsien, bħala qima ta' ġnus u ilsna lejn Kristu, Sultan u Feddej tad-dinja kollha. U f'dawn l-ilsna nsibu wkoll il-Malti tagħna b'sunett mill-isbaħ ta' Dun Karm, imfisser, bħalma huma l-oħrajn kollha, bil-franċiż. X'ferħ għalina meta naraw il-Malti magħruf u mgħarraf barra minn Malta ! Aktar u aktar meta t-traduzjoni franċiża turi liema ġmiel ta' poeżija u liema għoli ta' ħsebijiet jistgħu jinkitbu bil-Malti.

Nerġgħu niżżuħajr bil-qalb lill-Prof. U. Abela Hyzler.

Is-Sur V. M. Pellegrini student fl-Università u msieħeb fl-Għaqda tagħna, ħareġ ktieb jismu *Pensieri, Accenti e Sillabe* li fih ġabar il-poeżijiet tiegħu bit-taljan. Is-Sur Pellegrini, bħalma jafu l-qarrejja tagħna, jikteb ukoll bil-Malti, bħalma jikteb ukoll bl-ingliż. U dan juri li l-imħabba tal-letteratura mhix imxikkla jew marbuta ma' dan jew dak il-lsien waħdu.

Nifirħu lill-ħabib tagħna u nixtequlu li jibqa' dejjem miexi 'l quddiem fis-sengħa tal-kitba. Niżżuħ ħajr tal-ktieb li bagħtilna.

Kotba oħra li bagħtulna :

*The Journal of the Malta University Literary Society, No. 5*
*La Brigata* (żewġ numri)
*The Teacher* (sa April)

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.